# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Ħamis**
**Għoxrin (20) ta' Frar 2020**

**Rikors Numru 163/14 FDP**

Fl-ismijiet

**Green Skip Services Limited**
**(C 13893)**

**Vs**

**Adrian Falzon u Michelle Falzon Cordina u, b'digriet tat-13 ta' Awissu 2018, ġew nominati Dr Josette Sultana u l-PL Daniel Aquilina għall-eredita' ġiaċenti ta' Adrian Falzon**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 20 ta' Frar 2014, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Peress illi waqt li l-intimat Adrian Falzon kien impjegat mas-soċjeta' rikorrenti, huwa f'diversi okkażjonijiet, dawwar a vantaġġ tiegħu billi miżapproprija ruħu minn flus appartenenti lis-soċjeta' rikorrenti, liema ammonti riżultanti sa issa, jammontaw għal sebgħa w erbgħin elf tlett mija w ħdax-il Ewro w tmintax-il ċenteżmu (€47,311.18c).*

    2. *Peress illi l-intimat Adrian Falzon għandu għalhekk jiġi kkundannat jirrifondi lura tali ammonti lis-soċjeta' rikorrenti, flimkien mal-imgħaxijiet relattivi.*

    3. *Peress illi sa fejn taf s-soċjeta' rikorrenti, jeżisti r-regime tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-intimati.*

*4. Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex din il-Qorti ma għandhiex;*

*[1] tiddikjara illi l-intimati huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' sebgħa w erbgħin elf tlett mija w ħdax-il Ewro w tmintax-il ċenteżmu (€47,311.18c), rappreżentanti diversi ammonti ta' flus immiżappropprijati mill-intimat Adrian Falzon u għall-benefiċċju taż-żewġ intimati u*

*[2] tikkundanna lill-intimati jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' sebgħa w erbgħin elf tlett mija w ħdax-il Ewro w tmintax-il ċenteżmu (€47,311.18c) - kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet premessi.*

*Bl-imgħaxijiet legali mid-dati rispettivi tal-emissjoni ta' kull cheque sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment mal-presenti, kontra 1-intimati li minn issa jibqgħu nġunti għas-subizzjoni tagħhom.*

*B'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta' rikorrenti, inkluż dwar ammonti oħra li jistgħu talvolta jirriżultaw dovuti.*

2. Rat illi fis-16 ta' Mejju 2014, l-intimata Michelle Falzon Cordina, irrispondiet għal dak mitlub billi qalet is-segwenti:

    1. *Illi peress illi l-konvenut Adrian Falzon miet nhar l-għoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014), kif jidher miċ-ċertifikat tal-mewt anness u mmarkat bħala Dok. "A", jeħtieġ illi ssir il-leġitimizzjoni tal-atti ta' din il-kawża.*

    2. *Illi l-konvenuta irrinunzjat b'mod totali u inekwivoku għall-wirt tal-imsemmi de cuius u dana permezz ta' dikjarazzjoni fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras tal-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) u għaldaqstant m'għandhiex tagħmel tajjeb għal kwalunkwe nuqqas illi kien wettaq l-imsemmi de cuius matul ħajtu.*

    3. *Illi l-eċċipjenti l-anqas m'għandha tagħmel tajjeb għal tali aġir tad-de cuius fir-rigward ta' sehemha tal-komunjoni tal-akkwisti u dana peress illi tali aġir kien ta' indoli kriminali u għaldaqstant japplika l-artikolu 1327(f) tal-Kap. 16.*

    4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi jirriżulta illi ġie ppreżentat Ċertifikat tal-Mewt (fol 16) li juri illi attwalment, l-intimat Adrian Falzon miet fl-20 ta' Frar 2014, u jirriżulta mill-atti illi miet b'mod traġiku.

4. Rat illi jirriżulta illi fil-21 ta' April 2014, l-intimata Michelle Falzon Cordina irrinunzjat għas-suċċessjoni ta' Adrian Falzon b'mod totali u inekwivoku. (fol 21)

5. Rat illi kien biss fit-12 ta' Lulju 2018 illi s-soċjeta' rikorrenti ippreżentat rikors sabiex jiġu appuntati Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita ġiaċenti ta' Adrian Falzon (fol 559), u fit-13 ta' Awissu 2018 ġew appuntati Dr Josette Sultana u l-PL Daniel Aquilina bħala Kuraturi għall-finijiet kollha tal-Liġi (fol 555) illi, notifikati fit-18 ta' Settembru 2018, ma ppreżentaw ebda eċċezzjonijiet.

## Provi

6. Rat illi s-soċjeta’ rikorrenti, tul l-istadju tax-xhieda tagħha, ippreżentat is-segwenti xhieda:

    a. **Joseph Caruana**, bħala rappreżentant tal-Bank of Valletta plc, illi xehed fit-8 ta’ Ottubru 2014. (fol 25)
    b. **Joseph Fenech**, rappreżentant tal-Banif Bank Malta, illi xehed fit-8 ta’ Ottubru 2014. (fol 27)
    c. L-intimata **Michelle Falzon Cordina** illi xehdet fit-8 ta’ Ottubru 2014. (fol 29)
    d. **David Galea**, bħala rappreżentant tal-APS Bank Limited, illi xehed fil-21 ta’ Jannar 2015. (fol 37)
    e. **Audrey Ghigo**, bħala rappreżentanta tal-HSBC Bank Malta plc, illi xehdet fil-21 ta’ Jannar 2015. (fol 41)
    f. **Doris Sammut Bonnici**, Managing Director u rappreżentanta tas-soċjeta’ rikorrenti, illi xehdet fil-5 ta’ Marzu 2015. (fol 244)
    g. Audrey Ghigo, bħala rappreżentanta tal-HSBC Bank Malta plc, illi reġgħet xehdet fil-5 ta’ Marzu 2015. (fol 265)
    h. Joseph Caruana, bħala rappreżentant tal-Bank of Valletta plc, illi reġa’ xehed fit-13 ta’ Mejju 2015. (fol 384)
    i. **Mary Gaerty**, Managing Director u rappreżentanta tas-soċjeta’ rikorrenti, illi xehdet fit-13 ta’ Mejju 2015. (fol 386)
    j. Joseph Caruana, bħala rappreżentant tal-Bank of Valletta plc, illi reġa’ xehed fil-25 ta’ Ġunju 2015. (fol 389)
    k. **Malcolm Mifsud**, Awditur u Accountant tas-soċjeta’ rikorrenti, illi xehed permezz ta’ affidavit ippreaentat fl-10 ta’ Novembru 2015. (fol 436)

7. Rat illi fl-10 ta’ Novembru 2015 is-soċjeta’ rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippreżenta.

8. Rat illi l-intimata, fl-istadju tal-provi tagħha, ressqet is-segwenti xhieda:

    a. Malcolm Mifsud, Awditur u Accountant tas-soċjeta’ rikorrenti, illi xehed in kontro eżami fit-28 ta’ Jannar 2016. (fol 451)
    b. Malcolm Mifsud, Awditur u Accountant tas-soċjeta’ rikorrenti, illi xehed in kontro eżami ulterjuri fis-16 ta’ Marzu 2016. (fol 455)
    c. Malcolm Mifsud, Awditur u Accountant tas-soċjeta’ rikorrenti, illi xehed in kontro eżami ulterjuri fit-28 ta’ April 2016. (fol 460)
    d. Mary Gaerty, illi xehdet in kontro eżami fit-28 ta’ April 2016. (fol 463)
    e. Mary Gaerty, illi xehdet in kontro eżami ulterjuri fis-26 ta’ Ottubru 2016. (fol 479)
    f. Mary Gaerty, illi xehdet in kontro eżami ulterjuri fis-7 ta’ Diċembru 2016. (fol 486)
    g. L-**Ispettur Josric Mifsud**, illi xehed fit-22 ta’ Marzu 2017. (fol 496)

h. Mary Gaerty, illi xehdet in kontro eżami ulterjuri fit-18 ta’ Mejju 2017. (fol 511)
i. L-intimata Michelle Falzon Cordina, illi xehdet permezz ta’ affidavit ippreżentat fis-17 ta’ Ottubru 2017. (fol 519)
j. Doris Sammut Bonnici, illi xehdet in kontro eżami fil-15 ta’ Novembru 2017. (fol 533)
k. Doris Sammut Bonnici, illi xehdet in kontro eżami ulterjuri fis-6 ta’ Diċembru 2017. (fol 537)

9. Rat illi fit-30 ta’ Jannar 2018, l-intimata Michelle Falzon Cordina ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippreżenta.

10. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Michelle Falzon Cordina illi saret fit-3 ta’ Mejju 2018. (fol 546)

11. Rat illi fit-3 ta’ Mejju 2018 il-partijiet ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippreżentaw.

12. Rat is-sottomissjonijet tas-soċjeta’ rikorrenti bil-miktub illi ġew ippreżentati fit-12 ta’ Lulju 2018. (fol 548)

13. Rat is-sottomissjonijet ta’ l-intimata Michelle Falzon Cordina illi ġew ippreżentati fit-12 ta’ Ottubru 2018. (fol 571)

14. Rat illi fit-22 ta’ Novembru 2018, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

15. Rat illi fit-23 ta’ Mejju 2019, dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ.

16. Rat illi fis-26 ta’ Ġunju 2019, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti

17. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat Adrian Falzon kien impjegat mas-soċjeta’ rikorrenti Green Skip Services Limited, bejn Mejju tas-sena 2010 sa’ Awissu 2013.

18. Jirriżulta illi huwa kien impjegat bħala Accounts Clerk tas-soċjeta’ rikorrenti, u kien jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-kontijiet kollha tas-soċjeta’ rikorrenti, fejn huwa kien jiġbor il-flejjes dovuti u kien joħrog iċ-ċekkijiet kollha għall-ħlasijiet pendenti, fejn kien jottjeni l-firem tar-rappreżentanti tas-soċjeta’ rikorrenti, ossija Doris Sammut Bonnici u Mary Gaetry biex joħroġ iċ-ċekkijiet.

19. Jirriżulta illi l-intimat Adrian Falzon kien fdat mis-soċjeta’ rikorrenti u kien jitħalla jamministra l-flejjes mingħajr indħil filwaqt illi kienu jsiru laqgħat regolari fejn kien jagħti spjegazzjoni tal-flejjes li daħlu u li ħarġu.

20. Jirriżulta, madanakollu, illi fi Frar tas-sena 2013, is-soċjeta' rikorrenti indunat illi kien hemm ċekk maħruġ minnha indebitament lill-intimat Adrian Falzon fl-ammont ta' €2,682.34 u, l-intimat Adrian Falzon kien minnufih ammetta illi mmisappropria tali flejjes u, permezz ta' ittra tiegħu datata 13 ta' Frar 2013 (fol 488), huwa ammetta illi kien seraq tali flejjes u kien obbliga ruħu illi jirritornahom permezz ta' pagamenti rateali.

21. Jirriżulta illi minkejja tali ammissjoni, f'Awwissu tas-sena 2013, is-soċjeta' rikorrenti reġgħet indunat illi kien hemm diskrepanzi oħra, din id-darba f'riċevuti tal-fuel, u, mistoqsi dwar tali diskrepanzi, l-intimat Adrian Falzon ammetta illi kien ħa €400 fi fuel indebitament huwa stess u, din id-darba, irriżenja mix-xogħol b'effett immedjat fil-31 ta' Awissu 2013 (fol 481).

22. Jirriżulta wkoll illi fl-4 ta' Settembru 2013, l-intimat Adrian Falzon ammetta illi kien seraq il-flejjes mingħand is-soċjeta' rikorrenti, u permezz ta' skrittura datata 4 ta' Settembru 2013 (fol 573), huwa obbliga ruħu illi jħallas is-somma ta' €564.34, li kienet tinkludi l-bilanċ dovut mill-ammont minnu ammess fi Frar 2013 u l-ammont tal-fuel fuq imsemmi, permezz ta' pagamenti rateali.

23. Jirriżulta illi, wara li l-intimat irriżenja minn mas-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' rikorrenti bdiet tagħmel verifiki dwar pagamenti oħra illi setgħu saru fil-passat, u irriżultalhom li, meta l-intimat kien qed jaħdem magħhom, huwa għamel trasferimenti ta' flejjes f'kontijiet tiegħu u ħareġ ċekkijiet fl-ammont ta' €47,311.18.

24. Jirriżulta illi fit-8 ta' Frar 2014, ir-rappreżentanta tas-soċjeta' rikorrenti, Doris Sammut Bonnici marret għamlet rapport ġewwa l-Għassa tan-Naxxar fejn għarrfithom b'uħud miċ-ċekkijiet maħruġa indebitament mill-intimat Adrian Falzon a favur tiegħu, u sussegwentement reġgħet marret fit-18 ta' Frar 2014 sabiex tgħarrafhom b'valur aktar illi, dak iz-zmien, kien indikat fl-ammont ta' €51,000. (fol 480)

25. Jirriżulta illi l-Ispettur Josric Mifsud, illi kien qed jinvestiga l-każ, ipprova jikkomunika mal-intimat Adrian Falzon minnufih, iżda kien biss fid-19 ta' Frar 2014 fejn huwa rnexxielu jikkomunika miegħu, wara illi qabdu tramite l-intimata Michelle Falzon Cordina.

26. Jirriżulta, di fatti, illi l-għada, 20 ta' Frar 2014, l-intimat Adrian Falzon mar l-Għassa w l-Ispettur għarrfu bil-każ u li kellu dritt għall-avukat, fejn l-intimat ipprova jikkomunika mal-avukat tiegħu Dr Roberto Montalto, li iżda qallu biex jerġa' jċempel 45 minuta aktar tard għax kien imħabbat.

27. Jirriżulta illi l-intimat intbagħat jistenna fil '*waiting room*' tal-Ghassa sakemm l-Avukat tiegħu ikun jista' jkellmu iżda, ftit wara, telaq 'l barra mill-Għassa u sparixxa.

28. Jirriżulta illi l-Ispettur Josric Mifsud beda jipprova jfittex lill-intimat Adrian Falzon u saħansitra ikkomunika mal-intimata Michelle Falzon Cordina, illi ma kinetx taf fejn kien lanqas, u kien għalhekk illi ġie indikat bħala '*wanted'*.

29. Jirriżulta illi eventwalment, fis-siegha ta' filghodu tal-21 ta' Frar 2014, Adrian Falzon instab mejjet ġewwa l-karozza tiegħu fl-Aħrax tal-Mellieħa mill-patrol tal-Pulizija, asfissjat bl-exhaust tal-karozza tiegħu. (fol 500)

30. Jirriżulta illi wara l-mewt ta' Adrian Falzon, l-Pulizija ma baqgħetx tinvestiga l-każ ta' frodi, stante illi Adrian Falzon kien issa mejjet.

## L-Azzjoni odjerna

31. Jirriżulta illi, permezz tal-azzjoni odjerna, intavolata dakinhar stess illi kien qed jiġi interrogat Adrian Falzon mill-Pulizija u li eventwalment instab mejjet kmieni l-għada filgħodu, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob lill-Qorti tiddikkjara liż-żewġ intimati Adrian Falzon u Michelle Falzon Cordina debituri tas-soċjeta' rikorrenti riżultat ta' flejjes misappropriati minn Adrian Falzon u għalhekk sabiex jiġu ikkundannati jħallsu tali flejjes.

32. Jirriżulta illi l-intimata Michelle Falzon Cordina, fid-difiża tagħha, qalet illi hija ma tistax tagħmel tajjeb għall-sehemha tal-komunjoni tal-akkwistjoni jekk dak hekk akkwistat kien riżultat ta' aġir ta' indole kriminali ta' l-intimat Adrian Falzon, u irriferiet għal dak ipprovdut fl-Artikolu 1327 (f) tal-Kap 16.

33. Jirriżulta wkoll illi l-intimata Michelle Falzon Cordina iddikjarat illi hija kienet irrinunzjat b'mod totali u inekwivoku mill-wirt ta' Adrian Falzon u dana permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras.

34. Jirriżulta illi fix-xhieda tagħhom, ir-rappreżentanti tas-soċjeta' rikorrenti ikkonfermaw illi ma kieux jafu lill-intimata Michelle Falzon Cordina ghalkemm kienet attendiet ghal xi attività tagħhom, u huma intavolaw proċeduri kontra l-intimata Michelle Falzon Cordina fuq parir tal-konsulenti legali tagħhom. (fol 464)

## Konsiderazzjonijet

### <u>Adrian Falzon</u>

35. Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi ma jista jkun hemm ebda dubju illi l-intimat Adrian Falzon immisappropria minn flejjes illi kienu lilu fdati mis-soċjeta' rikorrenti waqt illi huwa kien impjegat mas-soċjeta' rikorrenti bħala Accounts Clerk.

36. Jirriżulta illi l-Awditur imqabbad mis-soċjeta' rikorrenti, fir-rapport 'ex parte' tiegħu, għamel analiżi dettaljata tal-istatements kollha eżebiti fl-atti tal-proċess

odjern u wasal għall-konklużjoni illi madwar tnejn u sebgħin elf Euro (€72,000) kienu ġew trasferiti mill-kontijiet tas-soċjeta' rikorrenti għal ġo kontijiet lkoll intestati f'isem l-intimat Adrian Falzon bejn Settembru 2010 sa Dicembru 2012.

37. Jirriżulta, madanakollu illi Mary Gaerty, fix-xhieda tagħha mogħtija fit-13 ta' Mejju 2015, ikkonfermat illi l-ammont dovut kien dak indikat fir-rikors promotur, ossija €47,311.18. (fol 387)

38. Jirriżulta, għalhekk, ippruvat u mhux ikkontestat illi l-intimat Adrian Falzon, waqt il-qadi ta' dmirijiet tiegħu ta' Accounts Clerk tas-soċjeta' rikorrenti seraq u mmisappropria fondi ta' l-istess soċjetà rikorrenti a benefiċċju personali tiegħu fl-ammont ta' sebgħa u erbgħin elf, tlett mija u ħdax-il Euro u tmintax il-ċenteżmu. (€47,311.18).

<u>**Michelle Falzon Cordina**</u>

39. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-intimata Michelle Falzon Cordina, qabel ma żżewġet ma' l-intimat Adrian Falzon fil-bidu tas-sena 2012, kienet ġia miżżewġa ma' persuna oħra u kellha tifla ta' erbatax-il sena meta huma eventwalment iżżewġu.

40. Jirriżulta wkoll illi l-intimata Michelle Falzon Cordina kienet finanzjarjament indipendenti, fejn kellha x-xogħol tagħha u kienet rabbiet lit-tifla tagħha waħedha, u qatt ma għamlet użu minn flus l-intimat Adrian Falzon.

41. Jirriżulta wkoll illi l-intimat Adrian Falzon kien jamministra l-flejjes tiegħu separatament mill-intimata Michelle Falzon Cordina.

42. Jirriżulta, mix-xhieda ta' Michelle Falzon Cordina u mhux kontradetta, illi hija ma kienet bl-ebda mod a korrent ta' l-azzjonijet ta' l-intimat Adrian Falzon, u saret taf dwar l-investigazzjoni dakinhar li kkomunika l-Ispettur Josric Mifsud, ossija dakinhar stess illi eventwalment instab mejjet Adrian Falzon.

43. Jirriżulta illi, fid-difiża tagħha, l-intimata Michelle Falzon Cordina tressaq żewġ difiżi:

    a. Illi rrinunzjat mill-wirt ta' Adrian Falzon;
    b. Illi d-dejn ta' Adrian Falzon ma jistax jkun parti mill-komunjoni tal-akkwist għax tali dejn huwa riżultat ta' reat li jkun sar bir-rieda.

44. Jirriżulta illi, dwar l-ewwel difiża, mill-atti ppreżentati mill-intimata, illi fil-21 ta' April 2014, wara l-mewt ta' l-intimat raġel tagħha Adrian Falzon, hija irrinunzjat għall-wirt tiegħu u għalhekk jirriżulta illi l-wirt tal-intimat Adrian Falzon huwa wieħed battal.

45. Jirriżulta illi, dwar it-tieni difiża, l-intimata Michelle Falzon Cordina tagħmel referenza għal dak pprovdut fl-Artikolu 1327 (f), fejn jingħad li ġej:

> " Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1329, il-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun li ġejjin:
> (f) kull dejn jew indenniż dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ **meta dak l-indenniż ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda.**"

46. Jirriżulta bl-aktar mod ċar u inkonfutabbli, mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi l-flejjes illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob mingħand l-intimat Adrian Falzon u Michelle Falzon Cordina huma flejjes illi l-intimat Adrian Falzon seraq mingħand is-soċjeta' rikorrenti fuq medda ta' żmien u b'intenzjoni li jimmisappropria l-flejjes tas-soċjeta' rikorrenti a favur tiegħu – reat kriminali punibbli bil-ħabs.

47. Jirriżulta, mingħajr ebda dubju, illi l-indenniż rikjest mis-soċjeta' rikorrenti, fil-konfront ta' l-intimata Michelle Falzon Cordina, huwa attwalment rimedju ċivili dwar reat kommess mill-intimat Adrian Falzon waħdu u s-soċjeta' rikorrenti qiegħda ddur fuq l-intimata Michelle Falzon Cordina peress illi hija kellha komunjoni tal-akkwist ma' l-intimat Adrian Falzon riżultat taż-żwieġ tagħha miegħu.

48. Jirriżulta, għalhekk illi, abbażi tal-artikolu 1327(f) tal-Kap 16, tali dejn pretiż mis-soċjeta' rikorrenti ma jistgħux ikunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u għalhekk l-intimata Michelle Falzon Cordina la tista tiġi dikjarata debitrici tas-soċjeta' rikorrenti għall-flejjes miżappropriati minn Adrian Falzon u wisq anqas ma tista' tiġi kkundannata tħallas tali flejjes.

49. Għalhekk, id-difiża tagħha imqajjma abbażi tal-Artikolu 1327 (f) tal-Kap 16 huwa wieħed korrett u jimmerita illi jintlaqa' minn dina l-Qorti.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi rat is-sottomissjonijet ta' l-abbli difensuri tas-soċjeta' rikorrenti u ta' l-intimata Michelle Falzon Cordina,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi

**Tilqa'** t-tieni u tielet eċċezzjoni ta' l-intimata Michelle Falzon Cordina u għalhekk;

**Tiċħad** it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti fil-konfront ta' l-intimata Michelle Falzon Cordina,

**Tilqa’** t-talbiet tas-soċjeta’ rikorrenti kif dedotti fil-konfront ta’ l-eredita ġiaċenti tal-intimat Adrian Falzon u għalhekk;

**Tiddikjara** l-eredita ġiaċenti ta’ l-intimat Adrian Falzon debitrici tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta’ sebgħa w erbgħin elf tlett mija w ħdax-il Ewro w tmintax-il ċenteżmu (€47,311.18c), rappreżentanti diversi ammonti ta’ flus miżappropprijati mill-intimat Adrian Falzon u,

**Tikkundanna** lill-eredita ġiaċenti ta’ l-intimat Adrian Falzon tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta’ sebgħa w erbgħin elf tlett mija w ħdax-il Ewro w tmintax-il ċenteżmu (€47,311.18c).

**Imgħaxijiet** kif mitluba kontra l-eredita ġiaċenti ta’ l-intimat Adrian Falzon.

**Spejjeż** kollha a karigu tal-eredita ġiaċenti ta’ l-intimat Adrian Falzon, għajr għall-ispejjeż tal-intimata Michelle Falzon Cordina, illi għandhom ikunu a kariku esklussiv tas-soċjeta’ rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**